# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. ALBERTO J. MAGRI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta` Mejju, 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 40/93GCD**

**Anthony Licari**

**vs**

**Caroline Licari**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta` April, 1996 li tghid hekk:

> "Din hija kawza ghal dikjarazzjoni li zwieg celebrat fl-24 ta` Settembru 1977 huwa null.
> L-attur fisser li meta hu zzewweg lill-konvenuta, din kienet 'issofri minn anomalija psikologika li inizjat (*sic; recte:* ivvizzat)il-kunsens rikjest fil-mument taz-zwieg.' Qal ukoll li l-konvenuta 'kienet inkapaci tassumi l-obbligi maritali minhabba f`immaturita` u ragunijiet ohra u *inoltre* ma kinitx tifhem u tapprezza x`jigifieri zwieg.'
>
> L-attur ghalhekk talab li l-Qorti taqta` l-kawza billi tghid li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-24 ta` Settembru 1977 huwa null.
>
> Ghal dawn it-talbiet il-konvenuta ressqet tliet eccezzjonijiet:

1. illi t-talba ta` l-attur, kif maghmula, hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. illi l-kapijiet ta` nullita` msemmija fic-citazzjoni ma jolqtux iz-zwieg tal-partijiet ghax dan sar qabel ma kienu saru l-emendi li bihom dahlu l-kapijiet ta` nullita` li fuqhom qed jistrieh l-attur;

3. illi materjalment il-fatti msemmija mill-attur huma fittizji.

Nibdew mit-tieni eccezzjoni, dik li tghid li l-ligi li ghandha tirregola l-validita` taz-zwieg hija dik li kienet issehh meta sar iz-zwieg,u mhux il-ligi kif inbidlet wara. Din l-eccezzjoni saret ghax il-konvenut irid li l-validita` taz-zwieg tkun investigata taht l-art. 19(1)(d) kif mibdul bl-Att XXXIV ta` l-1981.

L-argument tal-konvenuta dwar l-effett tal-ligi fiz-zmien huwa tajjeb. Jekk iz-zwieg kein validu skond il-ligi vigenti fiz-zmien meta kien celebrat, ma jistax isir invalidu jekk il-ligi tinbidel wara. Dikjarazzjoni ta` nullita`tfisser li z-zwieg, *meta sar*, kien null; ghalhekk huwa logiku li nharsu lejn il-ligi kif kienet meta kien celebrat iz-zwieg. Jekk iz-zwieg kien validu meta sar, ivesti drittijiet u obbligazzjonijiet fil-partijiet; dawn id-drittijet ga akkwisiti ma jistghux jintlaqtu minn ligi li ssir wara sakemm din ma tghidx espressament li ghandha retro-attiv.

L-attur, fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, qieghed ighid li l-ligi jkollha effett retro-attiv. Dan jargumentah mill-fatt li l-Att XXXIV ta` l-1981, li kien dahhal l-emendi, 'ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda ma` l-Att ta` l-1975 dwar iz-Zwieg.' Mela d-dispozizzjonijiet transitorji ta` l-Att ta` l-1975 ighoddu wkoll ghall-emendi li dahlu fl-Att ta` l-1981, li saru 'haga wahda' ma`l-Att principali. Issa, id-dispozizzjoni transitorja ta` l-Att principali, li qieghda fl-art.24 ta` l-Att XXXVII ta` l-1975, tghid, fis-subartikolu (1), li 'hlief kif hawnhekk izjed `il quddiem provdut, id-dispozizzjonijiet ta` l-artikoli 18, 19 u 20 … ta` dan l-Att ghandhom japplikaw ghaz-zwigijiet kollha li jkunu saru sew qabel sew wara l-bidu fis-sehh ta` dan l-Att, maghdud ukoll zwieg li dwaru jkunu nbdew il-procedimenti qabel dak il-bidu fis-sehh.'

Li ma qalx l-attur hu li l-art. 24(1), li jghodd 'hlief kif hawnhekk izjed `il quddiem provdut', ghandu minnufih warajh l-art. 24(2), li jghid li 'ebda haga f`dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita` ta` zwieg li kien validu meta sar.' Dan il-kliem car tal-ligi, fil-parti invokata mill-attur stess, huwa fatali ghall-argument tieghu.

L-attur qal ukoll li 'ma jistax ikun li f`pajjiz zwigijiet jitqiesu b`kejl differenti', u ghalhekk irid li l-validita` taz-zwieg tieghu tkun regolata skond l-emendi li dahlu fis-sehh wara li kien celebrat iz-zwieg, bhala zwigijiet celebati wara dawk l-emendi. Izda l-konkluzjoni li jrid l-attur, barra mili hija espressament eskluza mil-ligi, kif rajna, tkun ukoll tfisser li l-validita` taz-zwieg tkun tiddependi fuq meta nfethet il-kawza u mhux fuq jekk iz-zwieg keinx jiswa skond il-ligi kif kienet meta kien celebrat. Din l-interpretazzjoni tmur kontra l-principju tad-drittijiet akkwisiti u tohloq element ta` instabilita` u incertezza. Min dahal fi zwieg li kien validu meta sar akkwista drittijiet u ma jistghux jithassru dawn id-drittijiet b`dak li jsir wara; ma jistghux jibqghu soggetti ghall-incertezza ta` x`jista` jigri `l quddiem. L-attur qed jitlaq mill-premessa li d-dritt tal-mizzewgin ma hux li tkun rispettata l-validita` taz-zwieg taghhom jekk dan kien validu meta kien celebrat, izda li d-dritt tal-mizzewgin hu li jiehdu annullament skond il-ligi li tkun aktar favorevoli ghall-invalidita`. Din hija ovvjament logika ta` taht fuq, u tmur ukoll kontra l-principju *ut res magis valeant quam pereat.*

Ghalhekk, meta zzewgu l-partijiet il-materja kienet regolata bl-Att XXXVII ta` l-1975 kif kienet qabel l-emendi.

Il-kapijiet ta` nullita` li fuqhom qieghed jistrieh l-attur huma tnejn:

1. anomalija psikologika li tivvizja l-kunsens; u

2. inkapacita` li tassumi l-obbligi taz-zwieg minhabba immaturita` u ghax il-konvenuta 'ma kinitx tifhem u tapprezza x`jigifieri zwieg.'

Dawn irridu nezaminawhom fid-dawl tal-ligi applikabbli.

Il-kapijiet ta` nullita` minhabba anomalija psikologika u minhabba nuqqas ta` diskrezzjoni ta` gudizzju kienu introdotti bl-Att XXIV ta` l-1981, u ghalhekk ma jolqtux il-kaz tallum. Madankollu, l-anomalija psikologika, jekk tkun provata, tista` tkun relevanti ghall-ghanijiet ta` l-art. 4 ta` l-Att XXXVII ta` l-1975. Dan l-artikolu jghid hekk:

> Zwieg li jisr bejn persuni li wahda minnhom tkun inkapacili tizzewweg minhabba mard tal-mohh, sew jekk tkun interdetta sew jek le, ikun null.

Li rridu naraw mela hu jekk hemmx fil-konvenuta l-anomalija psikologika allegata mill-attur u jekk din l-anomalija psikologika hijiex mard tal-mohh li jaghmel lill-konvenuta inkapaci li tizzewweg.

> Il-konvenuta kienet, meta sar iz-zwieg, marida minn mohhha?
>
> Il-psikjatra mahtur mill-Qorti irrelata li l-konvenuta ma wriet 'ebda evidenza ta` xi mard mentali.' Jidher li kien hemm inkompatibilita` bejn il-karattri tal-partijiet, u li l-kunsens tal-konvenuta seta` kien kondizzjonat minhabba l-atteggjament taghha lejn difett fiziku li kellha. Dan l-atteggjament holqilha problemi psikologici li, izda, kif qal il-perit, ma jistghux jitqiesu 'mard tal-mohh.'
>
> Mela ma tressqet ebda prova ta` 'mard tal-mohh', anzi, dan u espressament eskluz mill-perit.
>
> L-attur qal ukoll li l-konvenuta kienet inkapaci tassumi l-obbligi taz-zwieg minhabba immaturita` u ghax 'ma kinitx tifhem u tapprezza x`jigifieri zwieg.'
>
> Imkien ma nsibu dawn ir-ragunijiet ta` nullita` fil-ligi li tirregola dan iz-zwieg. L-attur stess jammettih dan, tant li jrid li l-validita` taz-zwieg tieghu titqies taht l-art. 19(1)(d) ta` l-Att dwar iz-Zwieg, kif emendat fl-1981. Kif ga rajna, l-emendi ta` l-1981 ma jolqtux il-kaz tallum, u ghalhekk ma hux il-kaz lil-Qorti tqis ukoll dawn il-premessi.
>
> Ghalhekk it-talbiet ta` l-attur ghal dikjarazzjoni ta` nullita` taz-zwieg tieghu ma jistghux jintlaqghu u l-Qorti taqta` l-kawza billi tichad it-talbiet ta` l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Minn din is-sentenza l-attur hass ruhu aggravat u permezz ta` rikors ta` appell tal-15 ta` Mejju 1996 interpona appell minn din is-sentenza ghal ragunijiet u aggravji li huma msemmija fl-istess rikors u li sejrin jigu ttrattati minn din il-Qorti aktar tard f`din is-sentenza.

Il-konvenuta appellata m`ghamlitx risposta ghar-rikors ta` l-attur pero`, tramite d-difensur taghha, fis-seduta tad-9 ta` Novembru 1999 tat l-eccezzjoni tad-dezerzjoni. Din l-eccezzjoni pero giet minnha rtirata b`nota ta` l-4 ta` Frar 2000 u fis-seduta tat-8 ta` Frar 2000 din il-Qorti,

diversement komposta, halliet il-kaz ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-21 ta` Frar 2000. F`din is-seduta d-difensur ta` l-appellata rremmetta ruhu ghal atti u l-kawza giet trattat mid-difensur ta` l-attur/appellant u mhollija ghas-sentenza in difett ta` ostakolu. Meta fis-seduta tal-25 ta` Frar 2002 il-kawza issejhet ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti kif komposta l-avukati rispettivi qablu li l-kawza setghet tibqa` differita ghas-sentenza fuq l-atti kif komposti, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ezami ta` dawn l-atti din il-Qorti ovvjament ezaminat b`mod akkurat il-provi u s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet fil-Prim`Istanza. Fil-verita` pero  dawn huma skarsi u mhux daqstant relevanti hlief ghar-rapport li gie pprezentat fit-13 ta` Jannar 1996 mill-perit psikjatra Dr George Debono u hlief ghan-noti ta` sottomissjonijiet li saru mill-partijiet rispettivi, dik tal-konvenuta fid-29 ta` Marzu 1996 u dik ta` l-attur fit-22 ta` April 1996;

Ikkunsidrat,

Anke fir-rigward tal-ftit provi li gew mressqa mill-partijiet li jistghu ikunu ta` relevanza ghall-kawza ta din in-natura hemm konflitt fuq diversi fatti bejn il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Dwar punt wiehed pero` jidher

illi ma jistax ikun hemm kontestazzjoni.  Sfortunatament id-difett fiziku tal-konvenuta, jekk difett jista` jissejjah, ikkaguna fiha tant premura illi wassalha biex ta` eta pjuttost zghira tizzewweg lil attur, persuna ammont ta` snin akbar minnha u dana peress illi hu kien accetta dan id-difett taghha u peress li bezghet li haddiehor ma kienx sejjer dan jaccettah jew, almenu, li hija zgur ma riditx terga` tghaddi mit-trawma li kienet ghaddiet minnha li terga` tkun kostretta tispjega dan id-difett lil haddiehor u b`hekk tissogra li dan ma jigix minnu accettat kif kien gie accettat mill-attur.  Di piu taccetta fl-affidavit taghha stess li hija kienet sofriet pressjoni morali biex tizzewweg mill-attur nonostante li ma kenitx ghal kollox ghal qalbha peress illi "*bzajt li jivvendika ruhu billi jxandar dak li kien sar jaf fuqi man-nies u b`hekk itellifni kull cans li nizzewweg*". Din il-biza` ghalhekk tal-konvenuta li ma tizzewwigx minhabba dan l-hekk imsejjah difett taghha kienet biza` reali li serjament fixkel il-kunsens taghha u d-diskrezzjoni ta` gudizzju taghha fuq il-hajja mizzewga.  *"Jien nemmen illi kieku ma kellhiex dan id-difett permanenti, kien ikollha l-helsien veru fl-ghazla"* (konkluzjoni tar-rapport peritali) wara li l-istess perit precedentement kien osserva illi *"izda ghalkemm din is-itwazzjoni fori setghet tohrog minnnha dejjem kien hemm fattur fiziku li ma setghet tohrog minnu qatt, u dan id-difett u tali, illi bilfors ipoggi kull mara f`pozizzjoni ta` inferjorita` li allura ixekkel ghazla libera".*

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tapplika il-fatti fuq esposti ghal-ligi fil-materja huwa necessarju li jsiru zewg osservazzjonijiet ta` natura preliminari pero li huma determinanti ghas-soluzzjoni ta` din il-vertenza;

Ma hemmx dubju li kieku kellhom jigu applikati l-provvedimenti tal-ligi ezistenti ta` l-1977 id-data ta` meta gie ikkoncelebrat iz-zwieg ghal fatti tal-kaz prezenti huwa zgur li ma kien ikun hemm l-ebda bazi ghall-annullament ta` dan iz-zwieg. L-Att Dwar iz-Zwieg kif origanarjament promulgat fl-1975 kien ferm aktar restrittiv fil-materja milli kienu il-ligi Kanonika li kienet il-ligi qabel l-1995 u milli hija l-ligi Kanonika llum li wara l-konkordat ta` l-1995 u l-Att 1 ta` l-1995 rega` huwa d-dritt li jirregola z-zwiegijiet kattolici f`pajjizna (salv ghal provvedimenti procedurali li introducew jew emendaw l-artikoli 21 sa 32 ta` l-istess kapitoli 255). Effettivament l-Att ta` l-1975 gie sostanzjalment emendat bl-Att XXIV ta` l-1981 li ssostitwixxa l-artiklu 19 ta` l-att originali, liema artiklu kif sostitwit ghadu vigenti sal-lum ghal zwigijiet li mhumiex zwigijiet kattoliku u liema artiklu jirregola ukoll annullamenti ta` zwigijiet kollha bejn l-1981 u l-1995. Dan l-artiklu 19, kif emendat, huwa ferm aktar vicin fil-provvedimenti tieghu fir-rigward tan-nullita` taz-zwieg ghal-ligi kanonika u huwa ferm aktar estensiv f`dawn il-provvedimenti milli kienu l-provvedimenti li pprecedewh.

Kien ghalhekk illi d-dibattitu legali fil-Prim`Istanza kien jirrigwarda principalment, jekk forsi mhux unikament, il-principju ta` jekk l-emendi li

gew introdotti fl-1981 setghux, jew ahjar kellhomx, ikunu applikabbli ghal zwieg li gie iccelebrat fl-1977. F`dan l-istadju din il-Qorti sejra taghmel it-tieni osservazzjoni preliminari. L-obbligazzjoniet konsenswali huma normalment regolati biss bil-ligi in vigore fi zmien meta ikun inghata l-kunsens. Effettivament ma jistax ikun mod iehor ghas-serjeta` u t-trasparenza ta` l-ordinament guridiku hlief li obbligazzjonijiet ghandhom ikunu regolati bi dritt sostantiv esistenti fil-mument ta` l-assunzjoni ta` l-obbligazzjoni a bazi ta` liema dritt il-partijiet kienu dahlu ghal-istess obbligazzjoni. Hija ghalhekk totalment korretta bhala norma generali il-konkluzzjoni ta` l-Ewwel Qorti illi r-retroattivita` ta` dritt sostantiv jilledi l-principju tad-drittijiet akkiwziti u *"tohloq element ta istabbilita` u incertezza".*

Ghal din in-norma generali pero hemm l-eccezzjonijiet u propju wahda mill-eccezzjonijiet huwa fejn ordinament guridiku jirrigwarda materja ta` Ordni Pubbliku. Issa m`hemmx dubju illi z-zwigijiet u l-validita` taghhom huma materji ta` Ordni Pubbliku u li di fronte ghal dan l-interess pubbliku l-interess privat huwa wiehed sekondarju.

*"Jinghad ukoll illi l-amendi in kwistjoni jinteressaw l-ordni pubbliku, li di fronte tieghu ghandu jcedi l-interess privat, u ghalhekk ghandu jigi ammess l-effett retroattiv taghhom, kif imfisser fis-sentenza appellata, fuq l-awtorita` tal-Pacifici Mazzoni u tal-Gabba, fuq imsemmija."* ("Joseph Fenech et versus Rev. Sac Prof Serafino Zarb noe et" – Qorti

ta` l-Appell - 10 ta` Ottubru 1952). L-awtur Gabba, konsiderat forsi l-aktar awtur awtorevoli fil-materja ta` l-applikazzjoni o meno tal-ligijiet b`mod retroattiv hekk jiddeskrivi din il-materja u dan kif huwa ikkwotat f`din l-istess sentenza. *"Tutte quante le leggi concernenti interessi pubblici o politici di qualunque genere si applicano immediatamente, ed i corrispondenti diritti e doveri degli individui si mutano o si modificano immediatamente in virtu` di quelle leggi".* (Vol. I, pag. 211 u 212). Ta` l-istess opinjoni huwa l-Professur Ganado fin-noti li huwa ghamel fuq il-Prolegomina fil-pagna 44 ta` l-istess noti *"If the legislator has found the law imperfect or unjust, or, at least, not in harmony with social and economic exigencies; the old law should not receive further application, not even with respect to the consequences of pre-existing negotia; otherwise the duration of a law which was admittedly defective would be prolonged indefinitely".* Dawn il-konsiderazzjonijiet u ohrajn wasslu lil Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha (imsemmija mill-appellant fin-nota tieghu quddiem din il-Qorti tad-29 ta` Lulju 1999) fl-ismijiet "Rita Spiteri xebba Camilleri versus George Spiteri" tas-17 ta` Gunju 1999 biex tirrendi applikabbli l-emendi li saru fl-1981 fl-artiklu 19 tal-Kapiltu 255 tal-Ligijiet ta` Malta anke ghal zwigijiet li kienu gew iccelebrati qabel dawn l-emendi. Din il-Qorti sejra ukoll taddotta dan il-principju ghar-raguni addizzjonali illi, almenu f`dawn ic-cirkostanzi, dan huwa ukoll necessarju propju biex ikun hemm dik ic-certezza u stabilita` korrettement mixtieqa mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fil-Prim`Istanza. *"Ezami ta` l-istat legali applikabbli f`kull perjodu fuq*

*imsemmi w anke fil-prezent iwasslu lill-Qortighal-konkluzzjoni illi l-lakuna, il-vacuum li kien jezisti huwa fil-perjodu ta` bejn l-1975 u l-1981. Huwa f`dan il-perjodu illi l-kazijiet fejn iz-zwieg seta`jigi ddikjarat null kienu ferm aktar ristrittivi sew mil-ligi kanonika precedenti, mil-ligi prezenti kanonika u mill-emendi li saru fl-1981. Il-Qorti thoss u tifhem illi kien dan in-nuqqas li wassal lil-legislatur biex fl-1981 jissostitwixxi ghal kollox l-Artikolu 19 tal-ligi originali ta`l-Att taz-Zwieg.*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet li huma konsiderazzjoniet, jigi ripetut, ta` ordni Pubbliku w in-necessita` li f`din il-materja jkun hemm kemm jista` ikun certezza u simmetrija fl-interess socjali tal-pajjiz iwassal lill-Qorti biex tiddeciedi illi l-emendi tal-1981 ghandhom japplikaw retroattivament anke ghaz-zwigijiet celebrati bejn l-1975 u l-1981. Interpretazzjoni ohra tfisser konfuzjoni, incertezza w inkoherenza f`materja li ghandha invece tkun ordnata u regolata b`koncetti simili jekk mhux identici tul iz-zminijiet."* ("Spiteri versus Spiteri").

B`din id-decizjoni din il-Qorti issib konfort ulterjuri fis-sentenzi tal-Qorti ta` l-Appell "Baldacchino versus Baldacchino" (Cit Nru 114/84 - Deciza 20/05/1991) "Piscopo versus Piscopo" (Cit Nru 52/88 - Deciza 12/01/1994) fost ohrajn, fejn il-Qorti propju annullat zwigijiet a bazi ta` l-emendi li kienu gew imdahhla fl-1981 minkejja illi dawn iz-zwigijiet kienu gew ikkontrattati bejn l-1975 u l-1981.

Sorvolata din il-problema l-Qorti ghandha issa tezamina jekk a tenur ta` l-Artiklu 19 (1) tal-Kapitlu 255 kif emendat fl-1981 (jinghad ghal kull bon fini illi din il-kawza giet proposta wara li gew in vigore dawn l-emendi) jezistux ragunijiet sufficjentement validi ghall-annullament ta` dan iz-zwieg. Il-Qorti taqbel perfettement mas-sottomissjoni tal-konvenuta illi ma jirrizultax illi fiz-zmien illi hija tat il-kunsens taghha hija kienet qed tbati minn xi anomalija psikologika li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, fil-fehma ta` din il-Qorti, illi d-difett fiziku li kellha l-istess konvenuta ivvizzja l-kunsens taghha b`mod illi d-diskrezzjoni tal-gudizzju taghha fuq il-hajja mizzewga kien, fil-mument taz-zwieg, serjament difettuz u ghalhekk jista` isib l-applikazzjoni tieghu l-artiklu 19 (1) (d) tal-Kapitlu 255.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-mertu, din il-Qorti qeghda tilqa` l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 t`April 1996 u tiddeciedi u tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta` Settembru 1977 bhal null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Dan nonostante fir-rigward ta` l-ispejjez il-Qorti thoss illi l-konvenuta/appellata m`ghandha l-ebda tort ghar-ragunament legali li wassal biex hija titlef din il-kawza u ghalhekk m`ghandha tbati l-ebda spejjez li, invece, ghandhom jithallsu kollha mill-attur/appellant.

Dep/Reg

gs